**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 23 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru. 41/15**

**Josef Borg**

**-vs-**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Josef Borg** fl-24 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi permezz ta' ittra datata d-29 ta' April 2015 l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, infurmat lill-appellant illi l-Awtorita` kienet behsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u dan ghaliex allegatament ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur ghaliex inghata sentenza fit-23 ta' Frar 2011 ghaliex ikkommetta reat li jista' jehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87). L-appellant prova jaghmel kuntatt mal-mittenti tal-ittra u cioe` Sylvana Bartolo ghal kjarifiki izda kull tentattiv kien inutli peress illi dejjem baqa' minghajr risposta. Ghalhekk huwa baghat ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2015. Permezz ta' ittra mibghuta mill-Awtorita` fil-25 ta' Mejju 2015, notifikata lilu fit-28 ta' Mejju 2015, l-appellant gie nfurmat illi l-appellant kien tilef id-dritt li jaghmel rapprezentazzjonijiet bil-miktub peress illi r-Regolament dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri jistipula terminu ta'*

*ghaxart ijiem min-notifika meta wiehed jista' jressaq ir-rapprezentazzjonijiet bil-miktub tieghu.*

2. *Illi l-appellant ihoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita` appellata u ghalhekk qieghed iressaq dan l-umli appell.*

3. *Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-*

4. *Illi preliminarjament id-decizjoni tal-Awtorita` tad-29 ta' April 2015 hija nulla u dan peress illi hija bbazata fuq il-ligi zbaljata. Skont din id-decizjoni, il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba johrog mir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, u cioe` Legislazzjoni Sussidjarja numru 65.18. Pero` ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur ma jirregolawx l-ghoti ta' licenzji li ghaliha kien qieghed japplika l-appellant. Filfatt huma r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr u Passiggieri, u cioe` Legislazzjoni Sussidjarja numru 499.56, li jipprovdu ghal din il-kundizzjoni. Ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita` tmur kontra l-ligi billi mhijiex ibbazata fuq il-ligi applikabbli fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-appellant u ghandha tigi dikjarata nulla, invalida u minghajr effett minn dan l-Onorabbli Tribunal.*

5. *Illi inoltre, l-appellant umilment jissottometti illi l-Awtorita` naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali meta rrifjutat li tiehu in konsiderazzjoni r-rapprezentazzjonijiet bil-miktub tal-appellant, fid-dawl ic-cirkostanzi tal-kaz. Galadarba id-decizjoni tad-29 ta' April 2015 kienet ibbazata fuq il-ligi zbaljata, it-terminu ghall-prezentata tar-rapprezentazzjonijiet bil-miktub imsemmi fid-decizjoni ma jistax jitqies applikabbli peress illi huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u cioe` fuq ligi zbaljata. Barra minn hekk, id-decizjoni mkien ma ssemmi l-Artikolu tal-ligi li fuqu hija bbazata d-decizjoni taghha, li jwassal ghal incertezza legali irragonevoli u nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni. F'dawn it-tip ta' decizjonijiet il-motivazzjoni hija krucjali tant illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan in-nuqqas jissarraf f'nullita` tad-decizjoni ilmentata. Galadarba l-appellant ma nghatax bizzejjed taghrif rigward il-bazi legali tad-decizjoni tal-Awtorita`, u ghalhekk huwa ittenta li jaghmel kuntatt mal-Awtorita` ghal kjarifika, l-Awtorita`, in vista tal-principji tal-gustizzja naturali u l-ekwita` kellha tiehu in konsiderazzjoni r-rapprezentazzjonijiet mibghuta mill-appellant. Zgur imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali li l-korp amministrattiv ghandu jsegwi fedelment illi l-appellant ma nghatax taghrif car rigward il-bazi legali li fuqha kienet imsejsa d-decizjoni tal-Awtorita`, ghaliex dan in-nuqqas da parti tal-Awtorita` appellata issarraf fi pregudizzju car u serju ghad-drittijiet tal-appellant.*

6. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-appellant umilment jissottometti illi l-Awtorita` appellata kienet zbaljata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt meta sabet illi huwa ma ssodisfax il-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba.*

7. *Illi skont ir-Regolament 19 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, sabiex jigi stabbilit jekk applikant ghandux reputazzjoni u kondotta tajba ghandhom ikunu applikabbli r-Regolament 9 (1), minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u r-Regolament 9 (2). Huwa car minn qari tar-Regolament 9 (1) li l-ebda wahda mill-ipotezi li twassal ghal konkluzjoni li l-appellant mhuwiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba ma hija applikabbli fil-kuntest tal-appellant. Filfatt permezz tas-sentenza li ghaliha taghmel riferenza l-Awtorita` fid-decizjoni taghha, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura*

*Kriminali kienet illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza, u cioe` mit-23 ta' Frar 2011 (vide Dok A). Ai termini tar-Regolament (2) (a) il-frazi 'sentenza' ma tinkludix ordni ghal-liberazzjoni assoluta jew taht kundizzjoni moghti taht l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation. Ghalhekk multo magis l-ipotezi elenkati fl-ewwel subinciz tar-Regolament 9 mhumiex applikabbli ghall-appellant, tant li kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok B, l-appellant huwa ccertifikat bhala persuna ta' kondotta tajba mill-Kummissarju tal-Pulizija. Minn dan isegwi li l-Awtorita` appellata ma setghet qatt ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant mhuwiex persuna ta' reputazzjoni u kondotta tajba.*

8. *Illi ghalhekk huwa car li d-decizjoni tal-Awtorita` appellata hija bbazata fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u wkoll li tmur kontra l-ligi u konsegwentement ghandha tigi dikjarata nulla, invalida u minghajr ebda effett.*

*Ghaldaqstant u filwaqt li jaghmel riferenza ghad-decizjoni tal-Awtorita` appellata tad-29 ta' April 2015, l-appellant umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka l-istess decizjoni tal-Awtorita` appellata tad-29 ta' April 2015, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` appellata."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fl-20 ta' Lulju 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, id-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u konsegwentement ghandha tigi kkonfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu riggettati bl-ispejjez;*

3. *Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrent kellu ghaxart ijiem minn meta jircievi l-ittra datata 29 ta' Jannar 2015 sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu, liema sottomissjonijiet huwa baghathom tardivament hekk kif huwa ammess mir-rikorrent fir-rikors promotur;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa ricentement applika mal-Awtorita` intimata ghat-tag tieghu bhala xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Tali process jesigi li l-Awtorita` intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan abbazi tal-principju ta' tempus regit actum. Illi fid-data tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 130A(4)(b) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk ... tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)". L-operat tal-Awtorita` intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

5. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikahom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikahom jew, jekk ikun qieghed diga' jipprattikahom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jipprattikahom billi jew titnehhielu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetra, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

6. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra d-dokumenti pprezentati;

Ra l-affidavit tar-rikorrent,[1] l-affidavit ta' Nadine Borg,[2] u l-affidavit ta' Paul Borg;[3]

Sema' x-xhieda ta' WPC 107 Sharon Bonnici[4] u ta' Sylvana Bartolo;[5]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'ittra tal-Awtorita` intimata datata 29 ta' April 2015 li permezz taghha gie mgharraf illi l-istess Awtorita` kien behsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghall-permess ta' xufier (tag) peress li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur u dan peress li kien inghata sentenza fit-23 ta' Frar 2011 dwar reat li ghalih seta' wehel piena ta' tliet xhur priggunerija jew izjed jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87). Fl-istess ittra r-rikorrent gie nfurmat li kellu d-dritt jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu fi zmien ghaxart ijiem minn meta jircievi l-istess ittra.

Jirrizulta illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2015, li waslet ghand l-Awtorita` intimata fil-25 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent baghat l-oggezzjoni tieghu ghall-kontenut tal-ittra tad-29 ta' April 2015. Jirrizulta wkoll illi fil-25 ta' Mejju 2015 intbaghtet ittra da parti ta' Sylvana Bartolo, ufficjal tal-Awtorita`

[1] A fol. 36 sa 37
[2] A fol. 38 sa 39
[3] A fol. 40 sa 41
[4] A fol. 31
[5] A fol. 54 sa 57 u a fol. 64 u a fol. 140 sa fol. 144

intimata, lill-konsulent legali tar-rikorrent fejn gie nfurmat illi la darba r-rapprezentazzjonijiet intbaghtu wara li kienu ghaddew l-ghaxart ijiem koncessi bil-ligi huwa ma setghax iressaq l-ebda rapprezentazzjonijiet. Fl-istess ittra gie ukoll infurmat li kien hemm dritt t'appell fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika tal-istess ittra.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jghaddi l-ewwel biex jaghmel numru ta' osservazzjonijiet fuq il-*fattispecie* ta' dan il-kaz.

Jirrizulta illi l-Awtorita` intimata baghtet pre-avviz lir-rikorrent fid-29 ta' April 2015 fejn uriet l-intenzjoni taghha li tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-permess ta' xufier minhabba li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur u dan b'mod aktar preciz peress li nghata sentenza datata 23 ta' Frar 2011 ghal reat li ghalih wiehed jista' jehel piena ta' iktar minn tliet xhur prigunerija jew multa ta' iktar minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87). Fl-istess pre-avviz l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li kellu dritt li fi zmien ghaxart (10) ijiem jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub ghaliex l-istess applikazzjoni m'ghandhiex tigi rifjutata. Ir-rikorrent ircieva dan il-pre-avviz fl-4 ta' Mejju 2015.[6]

Illi jirrizulta illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent baghat ittra lill-Awtorita` intimata liema ittra waslet ghand l-Awtorita` fil-25 ta' Mejju 2015 fejn filwaqt li oggezzjona ghad-decizjoni tad-29 ta' April 2015 talab laqgha urgenti mar-rapprezentanti tal-istess Awtorita`.[7] Dan ifisser illi l-ittra intbaghtet oltre l-ghaxart (10) ijiem indikati fl-ittra tal-Awtorita` tad-29 ta' April 2015. Ir-rikorrent jispjega illi tali dewmien kien dovut peress li, minkejja diversi tentattivi, la hu u lanqas d-difensur tieghu ma rnexxielhom jikkomunikaw ma' Sylvana Bartolo, u cioe` l-ufficjal li ffirmat il-pre-avviz. Sussegwentement irrizulta li l-*e-mails* li kienu qed jintbaghtu mill-konsulent legali tar-rikorrent lil Sylvana Bartolo kienu qed jintbaghtu fuq indirizz elettroniku zbaljat u cioe` silvana.bartolo@transportmalta.com minflok fuq sylvana.bartolo@transportmalta.com.

Illi fil-25 ta' Mejju 2015 l-Awtorita` intimata baghtet ittra lid-difensur tar-rikorrent fejn infurmatu li r-rapprezentazzjonijiet bil-miktub riedu jsiru fi zmien ghaxart (10) ijiem u li ghaldaqstant ma setghax iressaq l-ebda rapprezentazzjoni. Gie infurmat ukoll illi f'kaz li ma jaqbilx ma' dik id-decizjoni seta' jressaq appell quddiem dan it-Tribunal.

[6] Ara dokument a fol. 100
[7] Ara dokumenti a fol. 101 u 102

Illi t-Tribunal jirrileva illi din l-ahhar decizjoni tal-Awtorita` intimata ma tikkontjeni l-ebda decizjoni vera u proprja dwar xi rifjut. L-ittra hija pjuttost wahda informattiva milli decizjonali. Di piu`, t-Tribunal jirrileva illi ittra kontenenti decizjoni ta' rifjut ghandha titbaghat direttament lill-applikant u mhux lill-konsulent legali tieghu. Jekk tintbaghat lill-konsulent legali dan jista' jkun pregudizzjali ferm ghall-applikant ghax minhabba ghadd ta' cirkostanzi jista' jghaddi t-terminu ta' l-appell. In fatti a tenur tal-artikolu 21 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 *"Meta l-Awtorità tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull avviż ta' rifjut għandu jgħid li l-applikant għandu dritt li, fi żmien għaxart ijiem, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub,* ***tgħarraf lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha."*** [8]

Illi ghalhekk, it-Tribunal qieghed f'sitwazzjoni li m'ghandux quddiemu decizjoni vera u proprja ta' rifjut tal-Awtorita` intimata izda a skans ta' hela ta' zmien ta' kulhadd se jippronunzja ruhu dwar ir-raguni tar-rifjut li nghata r-rikorrent fil-pre-avviz mibghut lilu fid-29 ta' April 2015. Illi ghalkemm ir-rikorrent isostni li dan il-pre-avviz ma kienx monit b'ebda motivazzjoni, it-Tribunal ma jaqbilx mieghu in kwantu giet citata l-Legislazzjoni abbazi ta' liema l-Awtorita` uriet l-intenzjoni taghha li tohrog ir-rifjut u wkoll gie infurmat abbazi ta' liema sentenza tal-Qorti ir-rifjut kien se jigi michud. Illi r-raguni fil-pre-avviz kienet wahda cara u cioe` li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11) billi *"inghatajt sentenza u cioe` fit-23 ta' Frar 2011 ghax ikkommettejt reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)".*

Illi t-Tribunal jirrileva illi biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri, minbarra l-permess ta' xufier ai termini tar-Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, irid ikollu wkoll tikketta, kif aktar komunament maghrufa bhala *tag,* ta' identifikazzjoni ai termini tal-artikolu 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 mahruga mill-Awtorita` intimata. Illi skond Regolament 22 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 il-permess ta' xufier u t-tikketta ghandhom jibqghu validi ghal perjodu ta' hames snin mid-data li fiha jinghata l-permess ta' xufier jew perjodu iehor iqsar kif specifikat fuq l-istess permess jew tikketta, sakemm ma jkunux revokati jew sospizi.

[8] Enfasi tat-Tribunal

Illi biex applikant jinghata l-imsemmija ***taq ta' xufier*** irid ikun ta' kondotta tajba. Ai termini tar-Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 "*Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk....(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87).*" Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-aggravju tar-rikorrent illi l-Awtorita` intimata applikat id-disposizzjoni tal-ligi l-hazina.

Illi mbaghad ai termini tar-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, biex applikant jinghata **permess ta' xufier** irid ukoll jissodisfa r-rekwizit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Taht dawn l-ahhar Regolamenti, reputazzjoni u kondotta tajba huma hekk kif definiti f'Regolament 9 (1) minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u skond ir-Regolament 9 (2).

Illi Regolament 9 jistipula s-segwenti:-

*"(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*
*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*
*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*
*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) sena fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda li ma jkunux aktar minn sena;*
*(ii) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena iżda li tkun inqas minn għaxar snin; u*
*(iii) għaxar snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' għaxar snin jew aktar;*
*(d) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara ż- żmien li tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun ingħatat fir-rigward ta' dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ġiet ikkundannata piena ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin; u*
*(ii) ħames snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar;*
*(e) għal perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bħal dik m'għandhiex tibda sseħħ skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema perjodu għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tkun ingħatat is-sentenza;*
*(f) għal perjodu ta' sena minn meta tkun ġiet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw għal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew għal reat jew reati skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta'*

*Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skont kull regolament li jsir taħthom;*
*(g)......*
*(h) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew terri torju barra minn Malta:*
*Iżda meta l-Qorti tordna li se ntenza sospiża tidħol fis-seħħ, il-perjodu li dwaru l-Awtorità għandha tirrifjuta li toħroġ il-liċenza skont il-paragrafu relevanti ta' dan is-subregolament wara li tkun ingħatat dik l-ordni, għandu jiġi mnaqqas bil-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu l-persuna tkun diġà ġiet miċħuda lilha l-liċenza mill-Awtorità għall-istess reat skont il-paragrafu (e):*
*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) m'għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), **il-frażi "sentenza" m'għandhiex tinkludi**:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew **ordni għal-liberazzjoni** assoluta jew **taħt kundizzjoni** mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin **li tkun ġiet osservata**; jew*
*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*
*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell;*
*(d) **sentenza għat-twettiq ta' reat li –***
*(i) **twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009**;*
*(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009; u*
*(iii) ingħatat mill-anqas ħames snin qabel id-data li fiha tkun saret applikazzjoni għat-tiġdid tat-tagta' xufier u tal-permess ta' xufier."*

Illi s-sentenza li ssir referenza ghaliha fil-pre-avviz tar-rifjut tal-permess hija dik li nghatat fit-23 ta' Frar 2011 u li hija esebita bhala Dok A a fol. 5 *et sequitur* tal-process. Minn ezami tal-istess sentenza jirrizulta illi r-rikorrent kien gie misjub hati ta' delitti kontra l-fiducja pubblika li wettaq fl-2008 ghal-liema reati kien hemm piena ta' iktar minn tlett xhur prigunerija. Mill-istess sentenza esebita jirrizulta illi r-rikorrent, ghalkemm misjub hati, **gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.**

Illi dan it-Tribunal, kif presjedut, kellu l-okkazjoni jinvesti il-kwistjoni jekk sanzjoni komunitarja jew liberta` kundizzjonata, tistghax tigi meqjusa bhala dikjarazzjoni ta' htija meta xi Awtorita` governattiva tigi biex tevalwa applikazzjoni ghall-ghoti jew tigdid ta' xi licenzja. Bla tlaqliq, dan it-Tribunal jirrileva illi sanzjoni komunitarja jew sentenza ta' liberta` kundizzjonata ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija u dan in linea ma' dak li jipprovdi

l-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta (Att Dwar il-*Probation).* In fatti artikolu 25 (1) tal-istess Att jghid:

***"****Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment* ***għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, ..."***

Artikolu 25 (2) tal-istess Att imbaghad ikompli hekk:

*"****Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija****."*

Illi jekk wiehed jiehu s-sentenza tat-23 ta' Frar 2011 fil-perspettiva ta' Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 din l-istess sentenza ma tistghax isservi biex l-Awtorita` intimata tohodha in konsiderazzjoni ai fini jekk taghtix jew le permess ta' xufier lir-rikorrent u dan in linea mal-artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 446 citat fil-paragrafu precedenti u dan ghaliex **tali dikjarazzjoni ta' htija ghandha tigi mwarrba ghall-finijiet ta' skwalifika.**

Illi mbaghad jekk wiehed jiehu s-sentenza tat-23 ta' Frar 2011 fil-perspettiva tar-Regolament 9 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, apparti li t-terminu "sentenza" m'ghandux jinkludi ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata li tkun giet osservata, ma jirrizultax illi ebda wiehed mill-paragrafi ta' Regolament (9) (1) japplika ghall-kaz odjern. Anke kieku ghas-sahha tal-argument ir-Regolament (9) (1) japplika, skond ir-Regolament (9) (2) (d) (iii) it-terminu "sentenza" m'ghandux jinkludi sentenza ghat-twettiq ta' reat li twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009.

Illi ghalhekk, fil-kaz odjern, is-sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 2011 fil-konfront tar-rikorrent ma tistghax isservi biex l-Awtorita` intimata ccahhad lir-rikorrent mill-permess ta' xufier jew mit-*tag* ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jew 499.56. L-Awtorita` intimata kienet ukoll zbaljata illi baghtet, jekk tista' tissejjah hekk, id-decizjoni tal-25 ta' Mejju 2015 lill-konsulent legali tar-rikorrent. Tali decizjoni kellha tigi mibghuta lill-applikant. Di piu` l-istess hekk imsejjha decizjoni kienet ghal kollox mankanti minn kwalunkwe raguni valida ghaliex l-applikazzjoni kienet qieghdha tigi michuda u kwindi hija nulla u bla effett.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti fit-termini fuq esposti u jirrevoka d-decizjoni datata 25 ta' Mejju 2015 kif preceduta bl-avviz tad-29 ta' April 2015 filwaqt li jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**